



2021/0430(CNS)

12.10.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2021)0570 – C9-0034/2022 – 2021/0430(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Rasmus Andresen

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jixtieq li, b'dawn il-ftit emendi proposti, id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, f'termini ta' negozjati tal-Pilastru 1 tal-OECD, tkun valida għall-futur u aġġornata bl-aħħar żviluppi fil-livell Ewropew u f'dak internazzjonali. L-emendi ssuġġeriti jirriflettu l-aħħar test ta' kompromess fil-Kunsill rigward id-direttiva dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni, b'mod partikolari ż-żieda tal-premessi 21a u 21b kif ukoll tal-Artikolu 55a. L-emendi jirriflettu wkoll il-pożizzjonijiet preċedenti adottati fil-livell tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari r-rapport fuq inizjattiva proprja dwar it-tassazzjoni diġitali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Amendment 1

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi pass importanti fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda. Jenħtieġ li din tiġi segwita minn inizjattivi addizzjonali u komplementari biex jiżguraw li d-dħul mir-riżorsi proprji ġodda jkunu tal-inqas suffiċjenti għall-ħlas lura tal-imgħax u l-kapital tad-djun relatati man-Next Generation EU u li l-implikazzjonijiet finanzjarji distributtivi jkunu aċċettabbli għall-Istati Membri kollha.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Fid-dawl tal-impenn meħud fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 u l-ħtieġa li jiġi ppreżentat ammont adegwat ta' riżorsi

proprji ġodda għall-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta proposta għat-tieni pakkett ta' riżorsi proprji ġodda sa tmiem l-2023. F'dan il-kuntest, kif imtenni fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipproponi riżorsi proprji ġodda addizzjonali, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji u riżorsa proprja marbuta mas-settur korporattiv.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Hemm bżonn li jiżdied il-livell ta' introjtu permezz ta' riżorsi proprji ġodda biex jiġu indirizzati l-ispejjeż tal-ħlas lura tan-Next Generation EU u l-Fond Soċjali għall-Klima li għandu jiġi integrat fil-QFP. Madankollu, legalment u teknikament, it-tliet riżorsi proprji l-ġodda se jikkostitwixxu introjtu ġenerali f'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-universalità tad-dħul.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima għall-Istati Membri eliġibbli. Għall-perjodu mill-2023 sal-2027, l-Istati Membri huma eliġibbli

(5) Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima għall-Istati Membri eliġibbli *sal-2030*. Għall-perjodu mill-2023 sal-2027, l-Istati Membri huma

jekk l-introjtu nazzjonali gross per capita, imkejjeġ skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-2020 ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għall-perjodu mill-2028 sal-2030, jenħtieġ li jintuża l-introjtu nazzjonali gross per capita fl-2025. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tiġi stabbilita billi l-ishma tal-Istati Membri fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskambju totali tal-emissjonijiet jitqabblu mal-ishma tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni ta' dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima għall-Istati Membri kollha jekk is-sehem tagħhom tal-ammont totali tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS ikun anqas minn 75 % tas-sehem tagħhom fl-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) F'Ottubru 2021, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Qafas Inklużiv tal-G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt laħqu ftehim dwar l-allokazzjoni lil ġurisdizzjonijiet tas-suq parteċipanti ta' 25 % tal-profitti residwi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar li jkunu jaqbżu l-livell limitu ta' profittabbiltà ta' 10 % ("il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1"). Jenħtieġ li r-riżorsa proprja tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem tal-profitti residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, riallokata lill-Istati Membri [skont id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni.]

eliġibbli jekk l-introjtu nazzjonali gross per capita, imkejjeġ skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-2020 ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għall-perjodu mill-2028 sal-2030, jenħtieġ li jintuża l-introjtu nazzjonali gross per capita fl-2025. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tiġi stabbilita billi l-ishma tal-Istati Membri fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskambju totali tal-emissjonijiet jitqabblu mal-ishma tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni ta' dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima għall-Istati Membri kollha jekk is-sehem tagħhom tal-ammont totali tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS ikun anqas minn 75 % tas-sehem tagħhom fl-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni.

Emenda

(7) F'Ottubru 2021, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Qafas Inklużiv tal-G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt laħqu ftehim dwar l-allokazzjoni lil ġurisdizzjonijiet tas-suq parteċipanti ta' 25 % tal-profitti residwi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar li jkunu jaqbżu l-livell limitu ta' profittabbiltà ta' 10 % ("il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1"). Jenħtieġ li r-riżorsa proprja tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem tal-profitti residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, riallokata lill-Istati Membri [skont id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni.] ***Minkejja d-dewmien inizjali, jenħtieġ li l-Unjoni tirsisti biex timplimenta ż-żewġ partijiet tal-ftehim tal-***

OECD mill-aktar fis possibbli.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 fil-livell internazzjonali minn ċerti pajjiżi terzi ewlenin mhijiex garantita. Kif mistqarr mill-ECOFIN, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw mill-ġdid u b'mod regolari s-sitwazzjoni u, jekk ikun xieraq, jippreżentaw proposta leġiżlattiva li ddaħħal imposta diġitali jew miżura simili fin-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1. F'każ ta' nuqqas ta' progress ċar sa tmiem l-2023, jenħtieġ li tiġi mressqa imposta diġitali jew proposta simili. L-OECD għandha l-għan li l-Konvenzjoni Multilaterali timplimenta l-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 biex jidħol fis-seħħ fl-2024. Għalhekk, sakemm l-iskeda ta' żmien tal-OECD ma tinbidilx minħabba diffikultajiet tekniċi tal-fajl, jenħtieġ li tali proposta leġiżlattiva tiġi ppreżentata fin-nuqqas ta' ratifika ta' dik il-Konvenzjoni Multilaterali minn massa kritika ta' pajjiżi sal-31 ta' Diċembru 2024. Jenħtieġ li tali imposta diġitali jew miżura simili mbagħad titqies bħala riżorsa proprja tal-Unjoni sabiex tiġġenera dħul sal-2026. Madankollu, ftehim globali huwa ppreferut ħafna meta mqabbel ma' azzjoni unilaterali tal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Id-dħul għall-baġit tal-Unjoni abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 huwa mistenni li jkun bejn iż-EUR 2,5 biljun u l-EUR 4 biljun fis-sena.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tirrikjedi unanimità fil-Kunsill. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ wara l-finalizzazzjoni mill-Istati Membri tal-proċeduri għall-approvazzjoni tagħha f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

"(f) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ugwali għal 75 % tad-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³."

"(f) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ugwali għal [X %] tad-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³."

³ Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

³ Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c

Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

"(g) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ta' 15 % għas-sehem tal-profitt residwu ta' intrapriżi multinazzjonali riallokati lill-Istati Membri skont [id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokkazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni⁴]"

Emenda

"(g) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ta' 15 % għas-sehem tal-profitt residwu ta' intrapriżi multinazzjonali riallokati lill-Istati Membri skont [id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokkazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni⁴], ***dment li l-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 ikun ġie implementat b'suċċess minn massa kritika ta' pajjiżi sal-31 ta' Diċembru 2024.***"

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) fil-paragrafu 1 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), ma japplikax, id-dħul mill-applikazzjoni ta' imposta diġitali jew miżura simili fl-Istati Membri skont [id-Direttiva dwar l-introduzzjoni ta' imposta diġitali jew miżura simili fl-Unjoni] jikkostitwixxi riżorsa proprja mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni."

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

L-Artikolu 1(1), i, għandu japplika minn

Emenda

L-Artikolu 1(1), ***il-punti (c) u (ca)***,
għandhom japplikaw minn

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

l-ewwel jum tad-data tal-applikazzjoni tad-
[Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-
ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-
drittijiet tat-tassazzjoni] jew

Emenda

l-ewwel jum tad-data tal-applikazzjoni tad-
[Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-
ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-
drittijiet tat-tassazzjoni] jew ***l-ewwel jum***
tad-data tal-applikazzjoni tad-[Direttiva
dwar l-introduzzjoni ta' imposta diġitali
jew miżura simili fl-Unjoni] jew

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea
Referenzi	COM(2021)0570 – C9-0034/2022 – 2021/0430(CNS)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.2.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 14.2.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Rasmus Andresen 25.1.2022
Data tal-adozzjoni	10.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gunnar Beck, Isabel Benjumea Benjumea, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Jonás Fernández, Claude Gruffat, Eero Heinäluoma, Stasys Jakeliūnas, Othmar Karas, Georgios Kyrtos, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Eva Maria Poptcheva, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Ernest Urtasun
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Esther de Lange, Pascal Durand, Martin Hlaváček, Fulvio Martusciello, Andreas Schwab
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Deirdre Clune, Niclas Herbst, Ivan Štefanec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

27	+
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Deirdre Clune, Niclas Herbst, Othmar Karas, Esther de Lange, Aušra Maldeikienė, Fulvio Martusciello, Lídia Pereira, Andreas Schwab, Ralf Seekatz, Ivan Štefanec
RENEW	Gilles Boyer, Pascal Durand, Engin Eroglu, Martin Hlaváček, Georgios Kyrtos, Eva Maria Poptcheva
S&D	Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Pedro Marques, Evelyn Regner, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira
VERTS/ALE	Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Piernicola Pedicini, Ernest Urtasun

1	-
ID	Gunnar Beck

1	0
ID	Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet: